MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 260/2009

**Alexander Boiciuc**
**Vs**
**Joseph Cardona ezercenti fil-kummerc bhala JC Real Estate**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-13 ta' Lulju 2009 fejn talab lil din il-Qorti prevja kull dikjarazzjoni necessarja tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' disghat elef, erba' mija u sebgha u tletin Ewro (€9,437) rapprezentanti commission, inkluz VAT dovuta lill-attur ghall-perjodu Lulju sa Settembru 2008 fuq kuntratti li gew ippublikati bis-sahha ta' senserija maghmula minnu fi zmien li kien ghadu jahdem mieghu, liema ammont ma thallasx nonostante diversi ittri interpellatorji, bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' Sekwestru u tal-Mandat ta' Qbid ipprezentat kontestwalment ma' dan l-Att, u bl-imghax

dekorribbli mit-30 ta' Settembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta tal-konvenutypprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-15 ta' Settembru 2009 fejn eccepixxa s-segwenti:

*1. "Illi fl-ewwel lok il-pretensjonijeit tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma jikkonkorrux l-elementi legali u fattwali necessarji sabiex l-attur ikun intitolat ghal senserija jew xi hlas iehor skond il-ligi.*
*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fit-tieni lok ma jezisti l-ebda ftehim li jirregola l-hlas ta' commissions bejn il-partijiet.*
*3. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost fit-tielet lok, l-ammont mitlub huwa eccessiv.*
*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

L-attur **Alexander Bioucuc** xehed nhar il-25 ta' Frar 2010 u spjega illi huwa jahdem f'real estate u kien hemm zmien meta kien jahdem ma' l-attur ghal perjodu ta' sentejn u nofs fil-kapacita' ta' *property negotiator*. Huwa stqarr li kienu ftehmu li kellu jahdem fuq bazi ta' commission. Huwa waqaf mix-xoghol minn mal-konvenut fl-1 ta' Lulju 2008.

Huwa jiftakar li qabel ma spicca mill-impjieg tieghu kien ittermina tlett konvenji fuq tlett proprjetajiet differenti u kien ftiehem mieghu li jekk kellu bzonnu sabiex jiffinalizza l-kuntratti ta' dawn it-tlett konvenji hu kien lest li jghinu. Ix-xhud tenna li dawn il-konvenji kienu gew maghluqa bl-insistenza u kapacitajiet teighu. Huwa esebixxa kopja tal-ftehim li kien hemm fuq kull negozju li gew esebiti u mmarkati bhala Dok CSH1, CSH2 u CSH3 rispettivament. Huwa kkonferma li huwa kien ircieva biss parti minn dak dovut lilu u cioe' is-somma ta' elf, seba' mija u sitta u disghin Ewro (€1,796) permezz ta' bank transfer u l-bilanc rimanenti kellu jinghata lilu mal-kuntratt. Stqarr li l-commission tieghu kien 40% tal-commission dovuta. Jghid li 35% hija dovuta ghall-intromissjoni tieghu fuq il-bejgh filwaqt li l-5% tkun dovuta ghall-ispezzjoni li jkun ghamel fuq is-sit.

Ix-xhud ikkonferma li kien ircieva telefonata minghand il-konvenut fejn kien gie mgharraf sabiex imur jigbor ic-cekk izda meta mar l-ufficcju tieghu gie offrut cekk fl-ammont ta’ tlett elef u hames mitt Ewro (€3,500) izda huwa kien qed jippretendi aktar u cioe’ is-somma ta’ disghat elef, erba’ mija u sebgha u tletin Ewro (€9,437) u ghalhekk ma accettax dan ic-cekk. Huwa kkonferma li huwa ghad ghandu jiehu s-somma ta’ disghat elef, erba’ mija u sebgha u tletin Ewro (€9,437) minghand il-konvenut.

Nhar it-8 ta’ Marzu 2010 l-attur esebixxa *bank statement* li giet immarkata bhala Dok Z li tindika d- drabi li rcieva commission minghand il-konvenut. Dan sar permezz ta’ internet banking. Huwa esebixxa zewg dokumenti ohra li gew immarkati bhala Dok Z1 u Z2 li huma zewg konvenji relatati mal-proprjeta’ li dwarha kkonkluda n-negozju.

Nhar l-10 ta’ Novembru 2010 huwa esebixxa kopja tal-sms li kien ircieva minghand il-konvenut fuq il-mobile phone tieghu fix-xhur ta’ Lulju u Awissu 2008 li gie mmarkat Dok CSH, kif ukoll tlett kuntratti li gew immarkati Dok A, Dok B u Dok C.

Nhar it-3 ta’ Dicembru 2010 rega kkonferma li kien ippartecipa fi tlett kuntratti li kien ukoll ikkonkluda, li kopja taghhom jinsabu esebiti fl-atti u markati bhala dok A, B u C u kkonferma wkoll it-transcripts tal-smses li kien ircieva li gew markati bhala dok CSH. Flimkien ma’ kull kuntratt esebit, hemm anness ukoll commission sheet li turi l-ammont a’ flus li kellu jiehu bhala commission. Tenna li din is-sheet kien imliha huwa stess. Huwa sostna li skond dawn il-messaggi l-konvenut rrikonoxxa li huwa kellu jtihallas una volta l-istess konvenut jircievi l-pagament hu stess minghand il-klijent. Huwa qal li meta telaq sar jaf li kien hemm impjegati ohra li kellhom l-istess problema tieghu u spiccaw il-Qorti sabiex jithalsu fosthom Nick Duncan.

In kontro-ezami nhar it-22 ta’ Gunju 2011, **Alexander Boiciuc** jikkonferma li qabel ma’ telaq mill-impjieg tieghu minn mal-konvenut huwa kien hallas l-NI tieghu personali

u jaf li kien ghad hemm xi bilanc dovut u l-konvenut kien offra li jhallasielu u kien accetta. Huwa kkonferma li dan l-ammont kien ftit aktar minn elf Ewro (€1,000). Muri l-ircevuta esebita fl-atti a fol 99 huwa qal li setgha kien l-ammont li hallas ghalih.Meta gie ssuggerit lilu li dan l-ammont kien ta' €1,796, huwa wiegeb li ma kienx cert fuq l-ammont suggerit. Huwa qal li kien impjegat *full time* ufficjalment ghaliex kien gej minn pajjiz mhux membru tal-Unjoni Ewropeja ghalkemm paga fissa minghand l-konvenut qatt ma rcieva. Fir-realta' kien jahdem self employed. Qatt ma nghata xi *bonus leave* jew *sick leave* ghalkemm kien registrat bhal full timer. Huwa ghamel referenza ghal kont bankarju tieghu (a fol. 107 et seq) li jindika diversi hlasijiet f'ammonti differenti li kien tah il-konvenut. Ikkonferma li ghall-ewwel vera li kien jithallas skond il-formola li xehed dwarha l-attur izda maz-zmien din il-formula inbidlet u qal li ghall-ewwel ma setghax ikollu VAT book peress li kien gej minn pajjiz mhux membru tal-Unjoni Ewropea u ghalhekk il-konvenut kien offra li jhallaslu t-taxxi. Pero' maz-zmien jghid li talbu sabiex jottjeni Vat book ghaliex altrimenti ser ikun qed ihallas taxxi fuq flus li in realta' ma kienx qed jircievi. Mistoqsi ghaliex kien tah ricevuta wahda biss tenna li l-konvenut ma accettax aktar u l-konvenut kellu jkellem lill-accoutant tieghu. L-attur tenna li huwa rcieva il-Vat book nhar 7 ta' Awwissu 2007 u telaq minn mal-konvenut nhar it-12 ta' Lulju 2008 u nonostante li kien fil-pusses ta' Vat book il-kalkoli xorta baqghu isiru skond il-formula. Huwa ttermina l-impjieg tieghu ghaliex kien tal-opinjoni li b'dan il-kalkolu kien qed ihallas aktar taxxa milli in effetti kien dovut lilu.

**Joseph Cardona** xehed nhar it-22 ta' Frar 2011 u stqarr li kien iltaqa' mal-attur gewwa restaurant Bugibba meta kien qed jahdem bhala waiter, u kien hemmhekk meta urieh ix-xewqa li jibda jahdem fir-real estate. Jiftakar li dak iz-zmien kien ghadu ser jaghmel it-test tas-sewqan u ghalhekk kien qallu sabiex ihalli gimghatejn jghaddu mit-test u jmur ikellmu bl-ghan ewlieni li jipprova jgiblu negozju mir-Russja peress illi huwa kien jtikellem bir-Russu. Huwa ftiehem mieghu li jaghtih commission.

Spjega illi bhal estate agents jiehdu 5% tal-prezz bhala commission. Izda l-ewwel jitnaqqas il-18% dovuti bhala VAT u dan ghaliex kien ihallas il-Vat hu, imbaghad jitnaqqas 35% taxxa minn din il-commission. Ikkonferma li l-attur ma kienx jahdem mieghu bil-ktieb normali u kien ghalhekk li kien ihallas it-taxxa kolha hu. Huwa kkonferma pero' li l-attur kien registrat mieghu mal-ETC bhala *property negotiator* u ghalhekk kien ihallas it-taxxa ta' 35% kollha hu. Paga fissa pero' ma kellux mieghu, hu kien jaqla' skond kemm ibiegh il-*commssion*. Wara kien itiegh 35% mill-bilanc li jibqa' wara li jitnehha t-taxxa ta 35% li kien ihallas u l-18% Vat li kien ihallas ukoll hu. Din kienet dejjem is-somma li kienet tinhadem bejniethom.

Huwa elabora u qal li l-commission li kienet dovuta fuq il-bejgh li sar ma' Crockford li kien fl-ammont ta' ghaxart elef, erba' mija u tnejn u tmenin Ewro (€10,482). Ghalhekk l-ewwel nehha il-18% Vat imbaghad naqqas il-35% taxxa u mill-bilanc itih it-35%. Huwa ghamel l-istess kalkolu fir-rigward taz-zewg kuntratti l-ohra u cioe' dak ta' Fenech u dak ta' Debattista.

Huwa totalment jghid li kellu jaghtih is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, erba' mija u disgha u sittin Ewro (€21,469) izda skond il-kalkoli li ghamel hu skond is-sistema fuq imsemmija, l-attur kellu jiehu s-somma ta' erbghat elef, mija u disgha u tletin Ewro (€4,139). Huwa kien diga hallsu s-somma ta' elf, seba' mija u sitta u disghin Ewro (€1,796) u ghalhekk kien ghad fadal bilanc ta' elfejn, tliet mija u tlieta u erbghin Ewro u hmistax-il centezmu (€2,343.15). Huwa sostna li l-attur ma kienx ihallas l-NI u dan fl-ammont ta' elf u disgha u erbghin Ewro (€1,049) u dan skond id-dokument li esebixxa u gie markat bhala Dok Z. Ghalhekk minn dak li kien ghad fadal li jaghtih kien lest li jhallas l-NI dovuta u jaghtih il-kumplament u cioe' elf, mitejn u erbgha u disghin Ewro u hmistax-il centezmu (€1,294.15) u dan hu l-ammont li jirrikonoxxi li ghandu jaghtih illum il-gurnata.

Ix-xhud qal li dawn il-pagamenti li ghamel lill-attur kif indikat a fol 24, 25 u 26, kollha gew kalkolati bl-istess sistema li spjega u cioe' bir-riduzjoni tal-Vat u bit-taxxa

imnaqqsa. Ikkonferma dak li qal fit-text messaging li kien lest li jhallsu kif del resto huwa illum il-gurnata izda bil-kalkolu tieghu u mhux l-ammont li qed jippretendi l-attur. Ftehim bil-mitkub dwar is-sistema ta' kif kienet tinhadem il-*commission* ma kienx hemm.

Nhar it-12 ta' April 2011 **Joseph Cardona** esebixxa zewg dokumenti li jirrigwardaw il-*breakdown* tal-*commission structure* li kien diga spjega li gew immarkati bhala Dok A u Dok B rispettivament.

Rat in-nota tal-konvenut prezentata fl-atti nhar it-28 ta' April 2011 (fol. 113) li permezz taghha ghamel prospett ta' kif kienet tinhadem il-commission skond il-formula miftehma.

In kontro-ezami nhar l-24 ta' Mejju 2011, **Joseph Cardona** kkonferma li l-commission dovuta lil JC estates minhabba ix-xoghol li kkonkluda l-attur kien jammonta ghal wiehed u ghoxrin elf, erbgha mija u disgha u sittin Ewro (€21,469). Huwa tenna li jaf li l-attur ottjena Vat book fis-sena 2007 f'isem socjeta' Alexander Limited ghalkemm huwa ma kellu x'jaqsam xejn maghha. Kienet socjeta' li l-attur kellu ma' missieru. Huwa jghid li ma jafx meta din is-socjeta' giet registrata. Huwa jikkonferma li r-relazzjoni ta' xoghol ma' l-attur spiccat f'Lulju 2008. Minn dakinhar il-quddiem huwa nghata biss ricevuta wahda tal-Vat li fil-fatt ma kienx talbu. Qal li din kien irceviha bil-posta meta kien ittermina l-impjieg tieghu mieghu.

**Joseph Cardona** rega' xehed nhar it-28 ta' Settembru 2011 u cahad dak li gie suggerit lilu li l-attur kien gab VAT book sabiex jezentah minn xi pizijiet u jnaqqaslu l-piz li kellu tal-hlas tat-taxxa. Huwa cahad ukoll li kien issugerixxa lil Alexander Boiciuc biex igib VAT book. Huwa tenna li l-ircevuta tal-VAT li kien ircieva minghand is-sur Boiciuc kien irceviha bil-posta wara li l-istess attur kien ittermina l-impjieg tieghu minn mieghu. Huwa minnu li d-dhul mhux kollu taxxabli, l-ewwel parti hija ezentata. Ix-xhud sostna li fil-ftehim li kellhom kellu jitnaqqas il-persentagg ta' 35% sa mill-bidu nett u l-attur kien accettah.

Huwa stqarr li bhala *estate agency* jaqbzu certu bracket u ghalhekk it-taxxa pagabbli minnhom hija ta' 35%. Huwa minnu li kien baghat ghall-attur u kien offrielu somma flus u hu ma kienx accetta dan l-ammont. Gie ssuggerit illi l-ammont kien circa tlett elef u hames mitt Lira Maltin (Lm3,500) u qal li dan ma jichdux pero' ma jiftakarx. Huwa tennaa li l-problema li nqghalet ma' Nick Duncan ma kellha x'taqsam xejn ma' dan il-fatt. Fil-fatt l-attur kien beda l-impjieg tieghu wara li Duncan kien waqaf jahdem maghhom u ghalhekk kien cert mil-ftehim li kellu jaghmel mal-attur.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet ta' l-attur kif ipprezentata fl-atti nhar it-30 ta' April 2012 (fol. 130) u dik ipprezentata mill-konvenut nhar il-5 ta' Gunju 2012 (fol. 135).

Semghet lill-avukati difensuri jawtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2012.

Ikkunsidrat.

F'din il-kawza l-attur qed jitlob li jithallas somma flus li huma allegatament dovuti lilu rapprezentanti *commissions* li huwa intitolat ghalihom fuq bejgh ta' tlett propjetajiet u cioe' lil Kenneth Debattista, Crockford u lil Fenech. Jidher bla dubju ta' xejn li l-attur ghamel zmien impjegat mal-konvenut mad-ditta tieghu JC Real Estate jahdem bhala property negotiatior u kien jghin lill-konvenut fil-bejgh ta' proprjeta li effettivament kellu in vendita. Dwar dan l-istat ta' fatt ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni bejn il-partijiet. Il-kwistjoni ta' bejn il-kontendenti tirrigwarda il-quantum li hija dovuta lill-istess attur. Il-konvenut fix-xhieda tieghu jghid li huwa jirrikonoxxi li ghandu jaghti lill-attur pero' fis-somma ta' elfejn, tliet mija u tlieta u erbghin Ewro u hmistax-il centezmu (€2,343.15) ghalkemm min din is-somma l-attur ghandu ihallas l-NI fl-ammont ta' elf u disgha u erbghin Ewro (€1,049) u ghalhekk huwa lest li jaghtih is-somma ta' elf, mitejna u erbgha u disghin Ewro u hmistax-il centezmu (€1,294.15). L-attur minn naha l-ohra qed jippretendi li jithallas is-somma imsemmija fir-rikors promotur u cioe' l-ammont ta' disat eleft, erba' mija

u seba' u tletin Ewro (€9,437). Illi li huwa zgur minn ezami tal-provi prodotti hu li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li l-attur ta' servizz lill-konvenut u li ghandu dritt jithallas tieghu, u li ghen sabiex il-konvenuti ikkonkludew tlett kuntratti ta' bejgh ta' proprjeta u fit-tielet lok li l-valur tal-bejgh individwali hu dak dikjarat fl-atti. L-unika kontestazzjoni kif gja intqal hija dik limitata ghal *quantum* li huwa dovut lill-attur ghal tali servizz.

Ikkunsidrat ulterjorment.

L-attur xehed sabiex jissostanzja t-talba tieghu u stqarr li huwa kien impjegat mal-konvenuti fuq *commission basis* ghall-perjodu ta' sentejn u nofs bhala property negotiator u li waqaf jahdem maghhom fl-1 ta' Lulju 2008. Jghid li meta telaq kien ghad baqghalu jithallas commission fuq tlett kuntratti li kien iffinalizza hu. Dwar dan ma hemmx kontestazzjoni. Stqarr li kien ircieva pagament ta' elf, seba' mija u sitta u disghin Ewro (€1,796) permezz ta' bank transfer u l-bilanc kellu jinghata lilu mal-kuntratt u ghalhekk wara li kien spicca minn maghhom. Ikkonferma li l-commission tieghu kien 40% tal-commission dovuta lid-ditta konvenuta. Jghid li 35% minnhom hija dovuta ghall-intromissjoni tieghu fuq il-bejgh filwaqt li l-5% l-ohra tkun dovuta ghall-ispezzjoni li jkun ghamel fuq is-sit. Ikkonferma li qabel ma' telaq mill-impjieg tieghu minn mal-konvenut, huwa kien hallas l-NI tieghu personali u jaf li kien ghad hemm xi bilanc dovut u meta gie muri l-ircevuta esebita fl-atti a fol 99, jghid li setgha kien l-ammont li l-konvenut hallas ghalih. In kontro-ezami u proprju wara li kien xehed l-konvenut, l-attur ibiddel il-versjoni tax-xhieda tieghu fir-rigward ta' kif kienet tinhadem il-commission u jghid li kien hemm zmien meta kien jithallas skond il-kalkoli li semma l-attur pero' dan sakemm gab il-Vat book tieghu. Mistoqsi kemm il-darba hareg ricevuta tal-VAT sabiex jithallas b'mod differenti minn dak li semma l-konvenut jghid li kien baghat ricevuta wahda biss u dan wara li kien gja spicca mix-xoghol mal-konvenut. Ex admissis jghid li anke meta kellu l-VAT book il-hlasijiet kienu isiru skond il-formula li xehed dwarha il-konvenut. Illi ghalhekk in vista ta' din ix-xhieda il-Qorti ma thossx li kellu ikun hemm kontestazzjoni dwar il-quantum u l-partijiet qatt

ma messhom spiccaw hawn il-Qorti ghax hija biss kwistjoni ta' kalkoli u mathematics.

Il-konvenut minn naha l-ohra jaqbel li l-attur kien impjegat mieghu ghal zmien, jaqbel li kien jahdem bhala property negotiator fuq commission basis u li efettivament kien ircieva diversi hlasijiet matul medda ta' sentejn u nofs. Jghid pero' li l-hlasijiet ma kienux isiru skond ma qal l-attur u cioe' li jithallas erbghin fil-mija (40%) tal-commission li kien jircievi. Huwa jaghti formola daqxejn kumplikata u jispjega li peress li kien ftiehem ma' l-attur li kellu ihallas hu it-taxxa kollha tal-attur u kien izommlu bit-35% u dan ghaliex il-bejgh kien jitnizzel bhala bejgh tad-ditta tieghu li kienet thallas taxxa b'dik ir-rata.

Spjega illi bhala estate agents jiehdu 5% tal-prezz bhala commission. Minn dan il-5%, l-ewwel jitnaqqas minnha it-18% dovuti bhala VAT u dan ghaliex kien ihallas il-Vat hu, imbaghad jitnaqqas somma ohra ta' 35% li tirrapprezenta t-taxxa minn din il-commission. Wara kien itiegh 35% mill-bilanc li jibqa'. Ikkonferma li din kienet dejjem is-somma li kienet tinhadem bejniethom. Jammetti li kien baghat ghall-attur u kien ofriehlu xi hlas pero' l-attur ma accettax dak li kien offrielu.

Ikkonferma li l-commission li kellu jithallas kienet fuq il-bejgh tal-proprjeta' ta' Crockford, Debattista u ta' Fenech u l-proprjeta in toto kellha valur ta' wiehed u ghoxrin elf, erba' mija u disgha u sittin Ewro (€21,469) (skond ix-xhieda ta' l-attur li mhiex imcahda mill-konvenut) izda skond il-kalkoli li ghamel hu skond is-sistema fuq imsemmija, l-attur kellu jiehu s-somma ta' erbat elef, mija u disgha u tletin Ewro (€4,139). Jispjega li kien diga hallsu s-somma ta' elf, seba' mija u sitta u disghin Ewro (€1,796) (kif annessa mill-istess attur) u ghalhekk kien ghad fadal bilanc ta' elfejn, tliet mija u tlieta u erbghin Ewro u hmistax-il centezmu (€2,343.15).

Spjega ukoll pero' li minn din is-somma kellu inaqqas is-somma flus li huwa kien hallas ghal National Contribution li kellu ihallas l-istess attur fl-ammont ta' €1,049. Huwa sostna li l-attur ma kienx ihallas l-NI u dan fl-ammont ta'

elf u disgha u erbghin Ewro (€1,049) u dan skond id-dokument li esebixxa u gie markat bhala Dok Z (fol. 99) . Ghalhekk minn dak li kien ghad fadal li jaghtih kien lest li jnaqqas l-NI dovuta u jaghtih il-kumplament u cioe' elf, mitejn u erbgha u disghin Ewro u hmistax-il centezmu (€1,294.15) .

L-attur jaghmel referenza ghal 'sms's' li kien baghtlu l-konvenut kif esebiti fl-atti a fol.41 et seq u jghid li l-konvenut kien ammetta li kellu itih xi flus. Il-Qorti ezaminat dawn l-'sms'es u tikkonferma dak li qal l-attur u cioe' li l-konvenut ammetta li kellu jhallsu. Pero' ma jirrizultax mit-text messaging li l-konvenut qatt ammetta li kellu jhallas is-somma li kien qed jippretendi l-istess attur.

Illi din il-kawza tistrieh biss fuq il-kredibilita' tax-xhieda. Dwar il-provi li ghandu jressaq l-attur, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet '**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**', deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:

*"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5. Issa fil-kaz in esami l-attur ma ressaq l-ebda prova sabiex iccahhad il-kalkolu ta kif kien isisr il-hlas izda jinsist li kien intitolat ghal somma aktar minn dik li l-konvenut kien lest li jhalsu.*

*b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

*d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u rrazzjonalita', kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju **Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco** – App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)*";

Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju m'huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet.

Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.

Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. (Vide '**George Bugeja vs Joseph Meilak'** deciza 30 t'Ottubru 2003 PA ).

Din il-Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda viva voce u hi f'qaghda favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibilita` o meno taghhom. Vantagg li l-Qorti ta' l-Appell generalment m'ghandhiex. (Ara "**Elena Magri et vs Rosaria sive Rosa Borg**" (A.C. – 10 ta' Frar 1961); **"Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella"** (A.C. -5 ta' Ottubru 2001); "**Carmelo Agius vs John Agius"** (A.C. (Inferjuri) – 2 ta' Dicembru 1994); "**Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe"** (A.I. C. – 5 ta' Marzu 2003) u aktar recenti "**Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs A.X. Construction Limited"** (A.C. – 4 ta' Lulju, 2008))".

Fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "**Maria Xuereb et vs Clement Gauci et"** (P.S.) deciza fl-24 ta' Marzu 2004, gie ritenut li huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' verzjonijiet illi l-Qorti tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:

*"Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*

*Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilta" u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-*

*bilanc tal-probabbiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant*.".

Illi fid-dawl tas-suespost, il-Qorti thoss li l-attur irnexxielu jipprova li l-konvenut huwa debitur tieghu pero' dan qatt ma kien michud minnu, pero' ma irnexxilux jipprova li l-ammont mitlub minnu fir-rikors promotur huwa kollu dovut u dan ghaliex hija tal-fehma li l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenut u spjegata minnu b'konsistenza fix-xhieda tieghu hija aktar kredibbli u ghandha aktar mis-sewwa. L-attur ma kienx konsistenti u dan ghaliex fix-xhieda principali tieghu lanqas biss jaghmel referenza ghal sistema ta' kif kienet tigi mahduma l-*commission* dovuta lilu, kien biss wara l-konvenut spjega fid-dettal is-sistema li qal li verament kien hemm zmien meta kien jithallas hekk. Il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur dwar il-kisba tal-VAT book sabiex il-hlas isir b'mod differenti mhix daqstant kredibbli u ghalhekk dik it-teorija qed tigi skartata fit-totalita' taghha.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti filwaqt li qeghda tilqa' it-talba attrici in parte, billi qed tirriduci l-amont pretiz minnha ghal elfejn, tliet mija u tlieta u erbghin Ewro u hmistax-il centezmu (€2,343.15), qeghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u qeghda tordna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma hekk imsemmija.**

**Bl-ispejjez ta' din il-kawza jithalsu in kwantu ghal kwart mill-konvenut u tlett kwarti mill-attur u l-imghax fuq is-somma ridotta jithallsu mid-data tan-notifika tar-rikors promotur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------